RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa F47**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**Il-Ħamis 9 ta' Awwissu 2012 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

Data u ħin

**Preżenti għal-Laqgħa:**

Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Manicaro | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F46**

1.01 Is-Sindku Alexander Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F46 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Paul Grech. Il-minuti gew approvati.

Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F46

**2.00 Korrezzjonijiet F46**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet.

Korrezzjonijiet F46



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

**3.00 Punti li johorgu mill-Minuti F46**

3.01 5.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li *it-tender* tal-bandli tal-Bahrija (Gnien il-Barnuza l-Hamra) huwa lest u issa inbghat ghand il-GPP. Huwa qal li x-xogholiiet huma pjanati li jibdew fil-bidu ta' Ottubru u l-ispiza m'ghandiex taqbez it-€13,000. It-*Tender* tal-bandli tal-Bahrija

3.02 6.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li fil-gimghat li ghaddew tkomplew it-tahdiet mal-*Health Centre* fejn gew diskussi l-proposti taghhom flimkien mal-perit tal-kunsill. Hu kompla billi qal li l-gimgha id-diehla ser jibdew it-tahdiet mal-Pulizija u ma diversi entitajiet ohra. Progett ta' Triq Santa Rita u Triq San Katald

3.03 7.01 Tkompliet id-diskussjoni bejn il-Kunsilliera prezenti dwar ir-rikonoxximenti mghotija f'Jum ir-Rabat. Gieh Ir-Rabat

Is-Sindku ppropona li ghandu jinghata rikonoxximenti lis-Sna Lara Tonna ghal l-impenn u d-dedikazzjoni li bih mexxijiet ir-*Rabat Girl Guides* u ghal hidma taghha fil-qasam tal-volontarjat u tal-edukazzjoni informali. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier Antoine Borg ippropona li ghandu jinghata rikonoxximent lis-Sna Pauline Dingli ghall-hidma taghha fil-qasam kulturali u storiku. Il-Kunsill qabel unanimament.

**4.00 Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza**

4.01 Is-Sindku Alexander Craus sahhaq dwar il-bzonn li l-kunsill jibda jahdem sabiex jinstab post alternattiv ghal ufficini amministrativ tal-kunsill u dan minhabba li l-post ezistenti tal-kunsill mhux accessibli. Huwa ppropona li l-Kunsill jaghmel talba flimkien mal-proposti tieghu u jibghata lil Prim Ministru. Il-Kunsill qabel unanimament. Post alternattiv ghal ufficcju amministrativ

** Il-Kunsillier Robert Micallef dahal ghal-laqgha fis-7.55p.m

4.02 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Kunsill kien ircieva talba minghand is-Sinjuri Said (sidien ta' hanut li ser jinfetah fi 22 il-Pjazza tas-Saqqajja) fejn qed jitolbu biex il-bust ta' Joseph Calleja jiccaqlaq min postu minhabba li dan qieghed quddiem l-entratura tal-hanut. Talba tas-Sinjuri Said

Wara diskuzzjoni li saret il-Kunsill iddecieda b'mod unanimu li ma jinqax it-talba tas-Sinjuri Said.

4.03 Is-Sindku nforma l-laqgha li d-Dipartiment ghal Gvern Lokali kien gibed l-attenzjoni tal-kunsill dwar spiza ta' €180 f'reklam pubbliccitarju konness mal-Festa ta' San Pawl li giet approvata f'seduta tal-kunsill tad-19 ta' Lulju. Huwa qal Reklam pubbliccitarju konness mal-Festa ta' San Pawl

li bhal ma gara fil-kaz tar-reklam pubbliccitarju konness mal-Festa ta' San Guzepp, id-dipartiment qed isostni li din hija forma ta' donazzjoni u ma tistax issir u ghalhekk dan l-ammont ser jigi mnaqqas mill-allokazzjoni li jmiss

Fit-twegiba ghal dan il-Kunsill qabel li jwiegeb lid-dipartiment li dan ir-reklam m' ghandux jitqies bhala donazzjoni ghaliex ir-reklam pubbliccitarju konness mal-Festa ta' San Pawl sar bhala parti mill-*PR exercise* tal-Kunsill biex izzomm relazzjonijiet tajba mar-residenti kif ukoll mal-ghaqdiet tal-lokal, u biex nirreciprokaw lil ghaqdiet ghax-xoghol u s-servizzi li jkunu taw lil kunsill matul is-sena bla hlas.

4.04 Is-Sindku Alexander Craus ppropona li jigi *embellished* il-Monument ta' San Guzepp li hemm hdejn Misrah Anton Aguis.

*Embellishment* tal-Monument ta' San Guzepp

Il-Kunsillier Nazju Cassar sahhaq li hemm bzonn li jinstab post alternattiv ghal dan il-monument u dan minhabba li r-*roundabout* hija kbira wisq u kawza ta' dan qed issir diversi incidenti.

Is-Sindku ssugerixxa li nitolbu lil perit tal-kunsill sabiex jaghtina proposta dwar x'inhu l-ahjar li jsir. Il-Kunsill qabel unanimament. Sar qbil ukol ukoll li wara li l-proposta tal-perit tigi diskussa fil-kunsill, imbaghad din ghandha tigi diskussa mal- Arcikonfraternita ta' San Guzepp.

4.05 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibda diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali tal-Imdina sabiex jinstab post alternattiv ghal parkegg. Huwa qal li issa li tnehha l-parkegg mil-*ground* tal-Mdina d-domanda ghal parkegg fiz-zona tar-Rabat zdiedet.

Diskussjonijiet dwar post alternattiv ghal parkegg

Il-Kunsill iddecida li jifforma kumitat sabiex jinbdew dawn it-tahdiet. Il-Kunsill qabel li l-membri jkunu:-

Is-Sindku Alexander Craus
Il-Vici Sindku Doris Coleiro
Il-Kunsillier Antoine Borg
Il-Kunsillier Robert Micallef

## 5.00 Komunikazzjoni mil-Kunsilliera

5.01 Il-Kunsillier Paul Grech ippropona li t-Triq tal-Marga tinghata l-konkos. Issekondat din il-proposta l-Kunsillier Odette Manicaro. Il-Kunsill qabel.

Konkos Triq tal-Marga

## 6.00 *Quarterly Financial Statements* (April – Gunju)

6.01 Is-Sindku Alexander Craus talab *item* 6 jerga jitla fuq l-agenda li jmiss minhabba li l-*accountant* tal-Kunsill jinsab indispost. Il-Kunsill qabel.

*Quarterly Financial Statements* (April – Gunju)

| | | |
|---|---|---|
| **7.00** | **Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija A19** | |
| | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA Bahrija A19 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Odette Manicaro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Bahrija A19 |
| **8.00** | **Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija A20** | |
| | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA Bahrija A20 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Odette Manicaro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Bahrija A20 |
| **9.00** | **Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` A22** | |
| | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A22 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Antoine Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Virtu A22 |
| **10.00** | **Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet** | |
| 10.01 | Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 211 tigi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech u l-Kunsillier Odette Manicaro. | L-iskeda tal-hlasijiet numru 211 |
| **11.00** | **Aggornament** | |
| 11.01 | Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 12 ta' Settembru 2012 fis-7.00 p.m. | Aggornament |
| 11.02 | Il-laqgha ntemmet fil-8.50 p.m | |

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**